# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 145/2022 JVC**

**Emanuel sive Noel Muscat**
**(K.I. 555747M),**
**Mary Teresa Torbini**
**(K.I. 0678143M)**

**vs**

**Francis Cremona (K.I.**
**287184M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Emanuel *sive* Noel Muscat et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 171, Flat 8 u 9, Triq San Duminku, l-Belt Valletta, li huma akkwistaw per via di successione mill-eredità tal-mejjet missierhom John Muscat li miet fit-28 ta' Ottubru 1982, u skond denunzja nru. 3232/83 hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument A".

2. Illi l-fond in kwistjoni jappertjeni in kwantu ghal due terzi indivizi lil Mary Theresa Torbini waqt li terz indiviz jappartjeni lil Emanuel sive Noel Muscat, u dan stante illi fil-frattemp, wahda mill-ulied ta' John Muscat, ossia Antoinette Naudi, mietet, u l-wirt taghha ddevolva fuq ir-rikorrenti Mary Teresa Torbini kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis tal-5 ta' Settembru 2018 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella hawn anness u mmarkat bhala "Dokument B".

3. Illi l-fondi in kwistjoni 171, Flat 8 u 9, Triq San Duminku, Valletta, kienu rekwizizzjonati skond nru. 00027/1994 u 14543P fil-15 ta' Frar 1994 u 15 ta' Dicembru 1973, hawn annessi u mmarkati bhala "Dokument C u D", u gew derekwizizzjonati fit-22 ta' Gunju 2000, kif jirrizulta mill-istess dokumenti.

4. Illi antecedentement, il-fondi in kwistjoni kienu lokati lil certu Anthony Galea kif jirrizulta minn email tal-Housing Authority hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument E", u c-cwievet tal-istess fond gew ritornati lir-rikorrenti fit-23 ta' Awwissu 2000, kif jirrizulta mid-"Dokument F" hawn anness.

5. Illi meta r-rikorrenti marru biex jiehdu lura l-fond in kwistjoni ma setghux jidhlu fl-istess fond ghax kien hemm

serratura differenti minn dak li giet lilhom moghtija mill-Housing Authority.

6. Illi wara tfittxija intensiva, huma saru jafu illi l-fond in kwistjoni kien qed jigi okkupat mill-intimat Francis Cremona, meta effettivament ir-residenza tieghu skond ir-Registru Elettorali hawn anness huwa 32, Flat 1, Triq iz-Zonqor, Santa Venera.

7. Illi b'ittra tal-10 ta' Novembru 2021, "Dokument G" hawn anness, ir-rikorrenti talbu l-izgumbrament ta' Francis Cremona mill-fond in kwistjoni stante li huwa qed jokkupa l-imsemmi fond minghajr titolu.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex l-intimat jizgombra mill-fondi in kwistjoni.

9. Illi huma jafu illi l-intimat Cremona m'ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba taghhom u ghalhekk jitolbu illi din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhiex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex jizgombra mill-fondi 171, Flat 8 u 9, Triq San Duminku, l-Belt Valletta, li huwa

qed jokkupa minghajr titolu, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom ffissat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Novembru 2021 u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tallum l-intimat Francis Cremona, debitament notifikat, imsejjah diversi darbi ma deherx u ghalhekk gie dikjarat kontumaci minn din il-Qorti;

Rat illi konsegwentement il-Qorti ghaddiet sabiex laqghet l-ewwel talba u ghaddiet sabiex tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat jirrizulta illi l-appartament u cioe' fond numru 171, Apartament 8 u 9, Triq San Duminku, l-Belt Valletta illum il-gurnata huma proprjeta' tar-rikorrenti Emanuel sive Noel Muscat u Mary Teresa Torbini u dan partikolarment mid-dokumentazzjoni a fol. 7 li tikkonsisti f'denunzja ta' proprjeta' taxxabbli u a fol. 11 li tikkonsisti f'dikjarazzjoni trasferiment causa mortis;

Rat ukoll mid-dokumentazzjoni esebita a fol. 14 u 15 illi l-proprjeta' illum hija derekwizizzjonata;

Rat ukoll l-affidavits ta' Emanuel Muscat a fol. 5 u 6 tal-process li jikkonferma t-talbiet kif kontenuti fir-rikors guramentat u l-fatti esposti;

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija gjustifikata u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat Francis Cremona sabiex jizgombra mill-fondi 171, Flat 8 u 9, Triq San Duminku, l-Belt Valletta, fi zmien xahar millum stante li huwa qed jokkupa minghajr titolu, dan l-istess fond.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**10 ta' Mejju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Mejju, 2022**